

“L-urna għandha tinżamm esklużivament fl-abitazzjoni tad-depożitarju [...]” (ir-raba’ paragrafu).

“Iż-żamma tal-urni funebri fl-ebda każ ma tista’ tiġi eżerċitata bi skop ta’ lukru u, konsegwentement, ma humiex awtorizzati attivitajiet ekonomiċi li l-għan tagħhom, anki jekk ma jkunx esklużiv, ikun iż-żamma ta’ urni funebri bi kwalunkwe titolu u għal kwalunkwe żmien. Tali projbizzjoni tgħodd ukoll fil-każ ta’ rieda espressa manifestata mill-mejjet matul ħajtu” (l-għaxar paragrafu).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-16 ta’ Ġunju 2017 – Hüsken *et* vs Lufthansa CityLine GmbH

(Kawża C-368/17)

(2017/C 309/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Düsseldorf

Partijiet

Rikorrenti: Hüsken *et*

Konvenuta: Lufthansa CityLine GmbH

B’digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Lulju 2017, il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-21 ta’ Ġunju 2017 – Finanzamt B vs A-Brauerei

(Kawża C-374/17)

(2017/C 309/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Konvenut fil-kawża prinċipali u appellant fl-appell għal reviżjoni: Finanzamt B

Rikorrenti fil-kawża prinċipali u appellata fl-appell għal reviżjoni: A-Brauerei

Domanda preliminari

L-Artikolu 107(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jkun hemm għajnuna pprojbita minn din id-dispożizzjoni meta, konformement mal-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru, it-taxxa fuq akkwist immobiljari ma hijiex imposta fil-każ ta’ akkwist taxxabbli li jsegwi trasformazzjoni (amalgamazzjoni), jekk ċerti entitajiet tal-liġi (impriża dominanti u kumpannija dipendenti) jipparteċipaw fl-operazzjoni ta’ trasformazzjoni u jekk l-impriża dominanti jkollha 100 % mis-sehem fil-kumpannija dipendenti matul il-ħames snin li jippreċedu l-operazzjoni legali u l-ħames snin li jsegwu din l-operazzjoni?